**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Jannar 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**vs**

**Mathilda Fenech**

Il-Qorti,

1. Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mathilda Fenech nee' Sant bint il-mejjet Xavier u Jacqueline nee' Aquilina, residenti 34 Jean Paul, Triq il-Witja Tarxien, detentrici tal-karta tal-identita numru 569759M imwielda San Pawl il-Bahar nhar it-2 t' Awwissu 1959

Akkuzata talli nhar id-19 t' Awwissu 2020 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa San Vincenz de Paule Luqa:

1. Peress li kienet taf jew kienet imissha taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet, hlief dawk li x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement geghlet jew ippermettiet li persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew gabet dawk il-persuni ugiegh fiziku jew tbatija mentali mhux

gustifikabbli jew waqt li kellha l-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement geghlet jew ippermettiet li l-persuna jew is-sahha tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom hsara, jew xjentement geghlet jew ippermettiet li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqieghdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghhom tkun fil-periklu. Illi meta bhala rizultat tal-imgieba mfissra hawn qabel u l-vittma ssofri offiza fuq il-persuna, il-piena prevista fis-subartikolu ghandha tizdied meta l-vittma tkun ta' eta 'l fuq minn sebghin sena, b'zewg gradi hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 257C(1)(2), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija Mathilda Fenech sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u rat li l-imputata iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

3. Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

4. Fis-seduta tal-lum, l-avukat difensur tal-kwerelanti informa l-Qorti li l-patrocinati tieghu kienu qed jirrinunzjaw ghall-kwerela taghhom tad-9 ta' Dicembru 2020 fil-konfront tal-imputata, u ma xtaqux jixhdu f'dawn il-proceduri u ma xtaqux illi dawn il-proceduri kontra l-imputata jitkomplew.

5. Min-naha tieghu, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-provi tal-prosekuzzjoni huma maghluqa.

6. L-avukat difensur tal-imputata iddikjara li d-difiza mhux ser tressaq provi.

7. Ghaldaqstant, l-unika provi li hemm kontra l-imputata huma r-rapport tal-Pulizija tal-1 ta' Ottubru 2020 dwar l-incident in kwistjoni li allegatament sehh fid-19 t'Awwissu 2020

u l-kwerela datata 9 ta' Dicembru 2020. Fil-process giet ezebita wkoll l-istqarrija tal-imputata, li pero ghazlet li tezercita d-dritt taghha tas-silenzju u ghazlet li ma twiegeb ghall-ebda domanda.

8. F'dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li hemm provi bizzejjed kontra l-imputata li hi hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha lill'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi issib lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghha, u qed tilliberaha minnha.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**